**QORTI KRIMINALI**

**Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. Ph.D.**

**Att ta' Akkuza numru 16/2018/2**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Abdiraman Abukar Ahmed**

**Omissis**

**Illum, 24 ta' Gunju, 2024**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi kontra **Abdiraman Abukar Ahmed** ta' 31 sena, iben Abukar u Guda, imwieled Mogadishu, is-Somalja fit-2 ta' Jannar 1987, u residenti 41, Flat 2, Triq il-Miratur, il-Floriana, Malta, detentur tal-Karta ta' l-Identita' (Maltija) numru **34145A.,** l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta jgħid:

**L-Ewwel (1) Kap -** *Fil-konfront taz-zewg akkużati Abdiraman Ahmed Abukar u Omissis*

***Stupru vjolenti aggravat ta' Denise Pandolfi***

**Il-fatti:**

ILLI fis-sena Elfejn u Għaxra (2010) Denise Pandolfi, tfajla Taljana, ġiet tgħix ġewwa Malta mal-familjari tagħha li kienu ilhom xi sena li ġew jgħixu hawn Malta, preċiżament ġewwa l-Belt Valletta. Dak iż-żmien Denise kellha biss tmintax-il sena. Denise u huha Ludovico sabu xogħol ġewwa r-restaurant tal-Każin King's Own, ġewwa l-Belt stess;

ILLI nhar il-Ħadd Erbgħa w Għoxrin (24) ta' Marzu tas-sena Elfejn u Tlettax (2013), Denise Pandolfi, li allura kellha wieħed u għoxrin (21) sena, u huha Ludovico spiċċaw mix-xogħol għall-ħabta ta' l-għaxra u nofs ta' filgħaxija (22:30 hrs.) u mxew lejn Kastilja minn fejn kellu jiġi għalihom bil-karozza tiegħu ċertu Darren Zammit u oħtu Roxanne Zammit. Roxanne Zammit dak iż-żmien kienet toħroġ ma' Ludovico, ħu Denise;

ILLI Denise, Ludovico, Darren, u Roxanne telgħu Paceville fejn iffrekkwentaw xi stabbilimenti tax-xorb u għall-ħabta tas-sagħtejn ta' filgħodu (02:00 hrs.) ta' allura t-Tnejn il-Ħamsa w Għoxrin (25) ta' Marzu tas-sena Elfejn u Tlettax (2013), erħewla lejn il-karozza ta' Darren biex dan iwassalhom lura l-Belt Valletta. Ġara, iżda, li kif kienu għaddejjin mill-akkwati tad-*Depot* tal-Pulizija ġewwa l-Floriana, Roxanne irremettiet fil-karozza, xi ħaġa li huha Darren ma jidhirx li apprezza. Tant ma apprezzax li waqqaf il-karozza u talab lil oħtu, lill-*boyfriend* tagħha Ludovico, u lil Denise biex jinżlulu minnufih mill-karozza. Huma hekk għamlu u Darren saq minn fuq il-post. Ludovico beda jdur b'Roxanne minħabba li ma kenitx tiflaħ, u Denise, minn naħa tagħha, telqet lejn id-dar bil-mixi;

ILLI malli Denise Pandolfi waslet fl-akkwati tal-monument ta' l-Indipendenza ġewwa l-Floriana u kienet ser taqsam it-triq lejn il-pompa tal-petrol biex tibqa miexja lejn il-Belt, dlonk waqfet ma ġenbha vettura ta' l-għamla *Kia Mentor* ta' lewn *silver* fil-griż, bin-numru ta' reġistrazzjoni EBS-327 b'erbat (4) irġiel ġo fiha. Wieħed minn dawn l-irġiel ħareġ minn naħa ta' wara tal-vettura, ħataf lil Denise, u daħħalha bil-forza fil-vettura msemmija;

ILLI l-erbat (4) irġiel fil-vettura *Kia Mentor* imsemmija kienu ċertu Abdulaziz Abdikadir Hasan, Muhammed Hassan Muhudin, l-akkużat **Abdiraman Ahmed Abukar** u l-akkużat **Omissis.** Il-persuna li daħħlet lil Denise Pandolfi bil-forza ġewwa din il-vettura kien l-akkużat **Abdiraman Ahmed Abukar,** filwaqt li l-persuna li kienet qegħdha ssuq din il-vettura kien l-akkużat **Omissis**;

ILLI Denise Pandolfi qabdet it-telefon ċellulari tagħha u ppruvat iċċempel lil ħuha Ludovico għall-għajnuna, pero' kif appena huha rrisponda, l-akkużat **Abdiraman Ahmed Abukar** ħadilha l-*mobile* u għaddih lill-akkużat **Omissis**;

ILLI malli ra din ix-xena tiżvolġi fil-preżenza tiegħu, Abdulaziz Abdikadir Hasan staqsa lix-xufier tal-vettura, u ċioe' lill-akkużat **Omissis**, x'kienu bi ħsiebhom jagħmlu b'dik it-tfajla, u l-akkużat **Omissis** wieġbu li kienu se jisirquha. Abdulaziz intebaħ x'kien ġej u ma riedx ikun komparteċipi, għalhekk qal lill-akkużat **Omissis** biex iwaqqaf il-vettura ħalli huwa jitlaq. L-akkużat **Mohamud** irrifjuta li jwaqqaf, għalhekk Abdulaziz Abdikadir Hasan, li kien bilqegħda fis-*seat* tal-passiġġier, ġibed il-*handbrake* tal-vettura, u kif din waqfet għal ftit istanzi Abdulaziz kien pront ħareġ mill-vettura;

ILLI l-akkużat **Omissis** saq lejn Birżebbugia, u mat-triq l-akkużat l-ieħor **Abdiraman Ahmed Abukar** beda jmiss lil Denise Pandolfi b'mod sesswali kontra r-rieda tagħha. Fil-fatt, x'ħin il-vettura *Kia Mentor* fuq imsemmija kienet wieqfa temporanjament mat-*traffic lights* ta' Raħal Ġdid (ħdejn iċ-ċimiterju ta' l-Addolorata), Denise Pandolfi ppruvat tiftaħ il-bieba u taħrab mill-karozza. Madanakollu l-akkużat **Abdiraman Ahmed Abukar** ħatafha minn għonqha bil-forza, żammha, u, b'Taljan imkisser heddidha bil-mewt: *"italiano tu sei morto!"*. Huwa baqa' jagħfsilha għonqha sakemm kważi fgaha. L-imsejkna Pandolfi, tfajla ta' statura żgħira ħafna, żgur li ma setgħetx tegħleb is-saħħa fiżika ta' l-akkużat **Abdiraman Ahmed Abukar**;

ILLI malli waslu fl-inħawi ta' Ħal Far , f'żona diżabitata, l-akkużat **Omissis** waqqaf il-vettura, u beda jiftiehem ma' l-akkużat **Abdiraman Ahmed Abukar** kif kienu ser jistupraw lil Denise Pandolfi, li, minn naħa tagħha, ma bdiet tifhem xejn minn dak li

kienu qegħdin jgħidu bl-ilsien tagħhom. Huwa qal ukoll lill-akkużat **Abdiraman Ahmed Abukar** biex jisirqu kwalsiasi ħaġa ta' valur minn fuq il-persuna tat-tfajla. L-akkużat **Abdiraman Ahmed Abukar** fetaħ il-*handbag* ta' Pandolfi pero' salv it-telefon ċellulari li kienu diġa' ħadulha, Denise ma kellha xejn aktar ta' valur. L-imsejkna Denise Pandolfi ħasbet li dawn l-irġiel riedu biss jisirquha, għalhekk minn jeddha offrietilhom ċurkett li kellha f'subgħajha, bit-tama li jitilquha, pero' l-akkużati **Abdiraman Ahmed Abukar** u **Omissis** kellhom pjanijiet oħra għaliha;

ILLI in esekuzzjoni ta' dan il-pjan tagħhom, filwaqt li Denise Pandolfi kienet miżmuma mill-akkużati **Abdiraman Ahmed Abukar** u **Omissis** kontra r-rieda u l-volonta' tagħha ġewwa l-vettura *Kia Mentor* bin-numru ta' reġistrazzjoni EBS-327 fis-satra tal-lejl f'post imbiegħed mill-abitat, l-istess akkużati **Abdiraman Ahmed Abukar** u **Omissis** neżżgħulha l-qalziet tal-*jeans* u l-qalziet ta' taħt u l-ewwel wieħed imbagħad l-ieħor stuprawha, u cioe' kellhom konġunġiment karnali magħha bil-vjolenza u kontra l-volonta' tagħha, billi kull wieħed mill-akkużati ppenetra l-parti ġenitali tagħha permezz tal-parti ġenitali tiegħu;

ILLI addirittura l-akkużati **Abdiraman Ahmed Abukar** u **Omissis** ħadu t-turni biex jistupraw lil Denise Pandolfi, u kull wieħed minnhom stupraha minn ta' l-anqas darbtejn. Fil-każ ta' l-akkużat **Abdiraman Ahmed Abukar**, wara li eġakola ġewwa l-ġisem fraġli ta' Denise Pandolfi, huwa saħansitra ħatafha minn għonqha u prova jġegħlha tagħmel ukoll sess orali fuqu;

ILLI waqt li kienet arrestata, miżmuma, issekwestrata, abbużata sesswalment, u stuprata mill-akkużati **Abdiraman Ahmed Abukar** u **Omissis**, l-istess akkużati ikkawżaw ukoll diversi ġrieħi fuq il-persuna ta' Denise Pandolfi, fosthom f'għonqha, f'daharha, u f'riġlejha;

ILLI wara li l-akkużati **Abdiraman Ahmed Abukar** u **Omissis** ħassewhom 'moqdija' sew, huma staqsew lil Muhammed Hassan Muhudin (li baqa' magħhom fil-karozza pero' li ma pparteċipax fl-atti kriminużi moqżieża li għamlu l-akkużati) jekk riedx

huwa wkoll jistupra lil Pandolfi, pero' Muhammed baqa' jirrifjuta, fejn addirittura dabbar ukoll kummenti sarkastiċi dwar is-sesswalita' tiegħu mill-akkużati **Abdiraman Ahmed Abukar** u **Omissis**;

ILLI f'dan il-punt l-akkużati **Abdiraman Ahmed Abukar** u **Omissis** ma kellhomx x'jambuha aktar lil Denise Pandolfi, għalhekk tawha lura ħwejjiġha u l-*handbag* (mingħajr il-*mobile*), ħallewha toħroġ mill-karozza, u saqu minn fuq il-post bl-istess vettura li ġo fiha seħħ l-istupru, u ċioe' l-vettura *Kia Mentor* bin-numru ta' reġistrazzjoni EBS-327;

ILLI Denise Pandolfi, issa użata u abbandunata ġewwa Ħal Far fis-satra tal-lejl u b'ġisimha muġugħ u stuprat u fi stat ta' xokk, imxiet lejn l-ewwel bini li rat, u ċioe' l-fabbrika tal-*Playmobil*, fejn, b'xorti tajba għaliha, kien hemm il-*watchman* ta' bil-lejl li taha l-ewwel għajnuna u ċempel minnufiħ lill-Pulizija;

ILLI dan l-istupru huwa wieħed aggravat ai termini tal-liġi *stante* illi (1) l-akkużati għenu lil xulxin fl-esekuzzjoni tad-delitt; (2) Denise Pandolfi ġiet offiża fuq il-persuna waqt l-esekuzzjoni tad-delitt; u (3) **fil-każ ta' l-akkużat Abdiraman Ahmed Abukar waħdu**, huwa wkoll aggravat *stante* li l-istess **Abdiraman Ahmed Abukar** kien qabel ġie misjub ħati ta' delitt ta' xorta simili;

ILLI fil-fatt, permezz ta' sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali fit-12 ta' Novembru 2012 fl-ismijiet: *Ir-Repubblika ta' Malta vs Muhammed Ali Hasan Et.*, liema sentenza hija *res judicata* u kwindi ma tistax tiġi mibdula, l-akkużat **Abdiraman Ahmed Abukar** kien instab ħati ta' diversi delitti ta' natura sesswali u ġie kkundannat piena ta' priġunerija għal perjodu ta' ħames (5) snin. Għaldaqstant l-akkużat **Abdiraman Ahmed Abukar** huwa wkoll reċidiv għall-fini u effetti kollha tal-liġi.

**Il-konsegwenzi:**

ILLI għalhekk, b'għemilhom, l-akkużati **Abdiraman Ahmed Abukar** u **Omissis** saru ħatja ta' **stupru vjolent aggravat**, u ċioe' talli fil-Ħamsa u Għoxrin (25) ta' Marzu tas-sena Elfejn u Tlettax (2013), f'xi ħin bejn is-sagħtejn (02:00hrs) u l-erbgħa (04:00hrs) ta' filgħodu, ġewwa dawn il-gżejjer, preċiżament fl-inħawi ta' Ħal Far, Malta, **bil-vjolenza, ikkommettew stupru fuq il-persuna tas-sess il-wieħed jew l-ieħor (Denise Pandolfi)**, b'dana illi dan l-istupru huwa wieħed aggravat *stante* li l-akkużati għenu lil xulxin fl-esekuzzjoni tad-delitt, li Denise Pandolfi ġiet offiża fuq il-persuna waqt l-esekuzzjoni tad-delitt, u, **fil-każ ta' l-akkużat Abdiraman Ahmed Abukar waħdu**, li l-istess **Abdiraman Ahmed Abukar** kien qabel ġie misjub ħati ta' delitt ta' xorta simili;

ILLI *di piu'*, bil-kommissjoni ta' l-istupru fuq imsemmi, l-akkużat **Abdiraman Ahmed Abukar** irrenda ruħu reċidiv wara li permezz ta' sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali fit-12 ta' Novembru 2012 fl-ismijiet: *Ir-Repubblika ta' Malta vs Muhammed Ali Hasan Et.*, liema sentenza hija *res judicata* u ma tistax tiġi mibdula, huwa kien instab ħati ta' diversi delitti ta' natura sesswali u ġie kkundannat piena ta' priġunerija għal perjodu ta' ħames (5) snin.

**L-akkuża:**

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuża, jakkuża lill-imsemmi **Abdiraman Ahmed Abukar**, reċidiv f'delitt, u lill-imsemmi **Omissis,** ħatja ta' **stupru vjolent aggravat**, u ċioe' talli fil-Ħamsa u Għoxrin (25) ta' Marzu tas-sena Elfejn u Tlettax (2013), f'xi ħin bejn is-sagħtejn (02:00hrs) u l-erbgħa (04:00hrs) ta' filgħodu, ġewwa dawn il-gżejjer, preċiżament fl-inħawi ta' Ħal Far, Malta, **bil-vjolenza, ikkommettew stupru fuq il-persuna tas-sess il-wieħed jew l-ieħor (Denise Pandolfi)**, b'dana illi dan l-istupru huwa wieħed aggravat *stante* li l-akkużati għenu lil xulxin fl-esekuzzjoni tad-delitt, li Denise Pandolfi ġiet offiża fuq il-persuna waqt l-esekuzzjoni tad-delitt, u, **fil-każ ta' l-akkużat Abdiraman Ahmed Abukar waħdu**, li l-istess **Abdiraman Ahmed Abukar** kien qabel ġie misjub ħati ta' delitt ta' xorta simili;

Inoltre, lill-akkużat **Abdiraman Ahmed Abukar** waħdu jaddebitaħ ukoll bir-reċidiva wara li permezz ta' sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali fit-12 ta' Novembru 2012 fl-ismijiet: *Ir-Repubblika ta' Malta vs Muhammed Ali Hasan Et.*, liema sentenza hija *res judicata* u ma tistax tiġi mibdula, huwa kien instab ħati ta' diversi delitti ta' natura sesswali u ġie kkundannat piena ta' priġunerija għal perjodu ta' ħames (5) snin.

**<u>Il-piena mitluba</u>:**

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmija akkużati **Abdiraman Ahmed Abukar** u **Omissis** u:

1. Fil-każ ta' l-akkużat **Abdiraman Ahmed Abukar** illi jiġi kkundannat għall-**<u>piena ta' priġunerija minn sitt (6) snin sa erbgħin (40) sena bir-reklużjoni</u>**, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 23, 31, 49, 50, 198, 202(d)(f)(n), 383, 384, 385, 412Ċ, 532A u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat; u

2. Fil-każ ta' l-akkużat **Omissis** illi jiġi kkundannat għall-**<u>piena ta' priġunerija minn ħames (5) snin sa għoxrin (20) sena bir-reklużjoni</u>**, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 23, 31, 198, 202(d)(f), 383, 384, 385, 412Ċ, 532A u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

**<u>It-Tieni (2) Kap:</u>** *fil-konfront taz-zewg akkuzati Abdiraman Ahmed Abukar u Omissis*

***Arrest, Detenzjoni, jew Sekwestru ta' Denise Pandolfi kontra l-ligi***

**<u>Il-fatti</u>:**

ILLI fil-kuntest taċ-ċirkostanzi u żmien imsemmija fl-Ewwel (1) Kap ta' dan l-Att ta'Akkuża, u ċioe' fil-Ħamsa w Għoxrin (25) ta' Marzu tas-sena Elfejn u Tlettax (2013) għall-ħabta tas-sagħtejn ta' filgħodu (02:00hrs), Denise Pandolfi, tfajla Taljana ta' wieħed u għoxrin (21) sena, kienet miexja ġewwa l-Floriana, Malta, fl-akkwati tal-monument ta' l-Indipendenza, u, kif kienet ser taqsam it-triq lejn il-pompa tal-petrol biex tibqa miexja lejn il-Belt, fejn kienet toqgħod, dlonk waqfet ma ġenbha vettura ta' l-għamla *Kia Mentor* ta' lewn *silver* fil-griż, bin-numru ta' reġistrazzjoni EBS-327 b'erbat (4) irġiel ġo fiha. Din il-vettura kienet qed tiġi misjuqa mill-akkużat **Omissis.** L-akkużat l-ieħor **Abdiraman Ahmed Abukar** ħareġ minn naħa ta' wara tal-vettura, waqqaf lil Denise, ħatafha, u daħħalha bil-forza fil-vettura msemmija;

ILLI Denise Pandolfi qabdet it-telefon ċellulari tagħha u ppruvat iċċempel lil ħuha Ludovico għall-għajnuna, pero' kif appena huha rrisponda, l-akkużat **Abdiraman Ahmed Abukar** ħadilha l-*mobile* u għaddih lill-akkużat **Omissis**;

ILLI filwaqt li l-akkużat **Omissis** beda jsuq lejn Birżebbugia, l-akkużat l-ieħor **Abdiraman Ahmed Abukar** beda jżomm lil Denise Pandolfi kontra l-volonta' tagħha u beda jmissha b'mod sesswali, wkoll kontra l-volonta' tagħha. Fil-fatt, x'ħin il-vettura *Kia Mentor* fuq imsemmija kienet wieqfa temporanjament mat-*traffic lights* ta' Raħal Ġdid (ħdejn iċ-ċimiterju ta' l-Addolorata), Denise Pandolfi ppruvat tiftaħ il-bieba u taħrab mill-karozza. Madanakollu l-akkużat **Abdiraman Ahmed Abukar** ħatafha minn għonqha bil-forza, żammha, u, b'Taljan imkisser heddidha bil-mewt: *"italiano tu sei morto!"*. Huwa baqa' jagħfsilha għonqha sakemm kważi fgaha. L-imsejkna Pandolfi, tfajla ta' statura żgħira ħafna, żgur li ma setgħetx tegħleb is-saħħa fiżika ta' l-akkużat **Abdiraman Ahmed Abukar** u ċertament li ma kenitx libera li toħroġ mill-vettura msemmija u tmur fejn trid;

ILLI malli waslu fl-inħawi ta' Ħal Far , f'żona diżabitata, l-akkużat **Omissis** waqqaf il-vettura, u, filwaqt li Denise Pandolfi baqgħet miżmuma mill-akkużati **Abdiraman Ahmed Abukar** u **Omissis** kontra r-rieda u l-volonta' tagħha ġewwa l-vettura *Kia Mentor* bin-numru ta' reġistrazzjoni EBS-327, l-istess akkużati **Abdiraman Ahmed**

**Abukar** u **Omissis** neżżgħulha l-qalziet tal-*jeans* u l-qalziet ta' taħt u l-ewwel wieħed imbagħad l-ieħor stuprawha, fejn addirittura ħadu t-turni biex jistupraw lil Denise Pandolfi, u kull wieħed minnhom stupraha minn ta' l-anqas darbtejn, apparti li l-akkużat **Abdiraman Ahmed Abukar** ipprova wkoll iġegħlha tagħmel ukoll sess orali fuqu waqt li beda jżommha minn għonqha;

ILLI waqt li kienet qegħdha tiġi abbużata sesswalment u stuprata, l-imsejkna Denise Pandolfi kienet arrestata, detenuta, u sekwestrata mill-akkużati **Abdiraman Ahmed Abukar** u **Omissis** tant li l-istess Denise Pandolfi ma kenitx libera li toħroġ mill-vettura fuq msemmija u tmur fejn trid, kif ukoll sofriet diversi ġrieħi fuq il-persuna tagħha fl-isforz ta' l-akkużati biex iżommuha u jġagħluha toqgħod għall-atti moqżieża u kriminużi tagħhom li joffendu l-mistħija tas-sess tagħha;

ILLI kien biss wara li l-akkużati **Abdiraman Ahmed Abukar** u **Omissis** ħassewhom 'moqdija' sew sesswalment li ħallew lil Denise Pandolfi toħroġ mill-karozza;

ILLI l-akkużati **Abdiraman Ahmed Abukar** u **Omissis** ma kellhom ebda ordni skont il-liġi tal-awtorita' kompetenti u lanqas kellhom is-setgħa bil-liġi li jarrestaw, iżommu, jew jissekwestraw lil Denise Pandolfi kontra l-volonta' tagħha;

ILLI dan l-arrest, żamma, u sekwestru ta' Denise Pandolfi huwa wieħed aggravat ai termini tal-liġi *stante* illi sar bħala mezz sabiex l-istess Pandolfi tkun imġiegħla tagħmel xi ħaġa jew toqgħod għal xi ħaġa li toffendi l-mistħija tas-sess tagħha, kif ukoll *stante* li l-istess Pandolfi ġiet offiża fuq il-persuna jew imhedda bil-mewt;

ILLI permezz ta' sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali fit-12 ta' Novembru 2012 fl-ismijiet: *Ir-Repubblika ta' Malta vs Muhammed Ali Hasan Et.*, liema sentenza hija *res judicata* u kwindi ma tistax tiġi mibdula, l-akkużat **Abdiraman Ahmed Abukar** kien instab ħati ta' diversi delitti ta' natura sesswali u ġie kkundannat piena ta' priġunerija għal perjodu ta' ħames (5) snin. Għaldaqstant l-akkużat **Abdiraman Ahmed Abukar** huwa wkoll reċidiv għall-fini u effetti kollha tal-liġi.

**<u>Il-konsegwenzi</u>:**

ILLI għalhekk, b'għemilhom, l-akkużati **Abdiraman Ahmed Abukar** u **Omissis** saru ħatja talli fil-Ħamsa u Għoxrin (25) ta' Marzu tas-sena Elfejn u Tlettax (2013), f'xi ħin bejn is-sagħtejn (02:00hrs) u l-erbgħa (04:00hrs) ta' filgħodu, ġewwa dawn il-gżejjer, **<u>bla ordni skont il-liġi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arrestaw, żammew, jew issekwestraw persuna (Denise Pandolfi) kontra l-volonta' tagħha, b'dana illi dan id-delitt sar bħala mezz biex persuna (Denise Pandolfi) tiġi mġiegħla tagħmel xi ħaġa jew toqgħod għal xi ħaġa li toffendi l-mistħija tas-sess tagħha, kif ukoll illi l-persuna arrestata, miżmuma jew issekwestrata (Denise Pandolfi) ġiet offiża fuq il-persuna jew imhedda bil-mewt.</u>**

ILLI *di piu'*, permezz ta' sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali fit-12 ta' Novembru 2012 fl-ismijiet: *Ir-Repubblika ta' Malta vs Muhammed Ali Hasan Et.*, liema sentenza hija *res judicata* u kwindi ma tistax tiġi mibdula, l-akkużat **Abdiraman Ahmed Abukar** kien instab ħati ta' diversi delitti ta' natura sesswali u ġie kkundannat piena ta' priġunerija għal perjodu ta' ħames (5) snin. Għaldaqstant l-akkużat **Abdiraman Ahmed Abukar** huwa wkoll reċidiv għall-fini u effetti kollha tal-liġi

**<u>L-akkuża</u>:**

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuża, jakkuża lill-imsemmi **Abdiraman Ahmed Abukar**, reċidiv f'delitt, u lill-imsemmi **Omissis,** ħatja talli fil-Ħamsa u Għoxrin (25) ta' Marzu tas-sena Elfejn u Tlettax (2013), f'xi ħin bejn is-sagħtejn (02:00hrs) u l-erbgħa (04:00hrs) ta' filgħodu, ġewwa dawn il-gżejjer, **<u>bla ordni skont il-liġi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arrestaw, żammew, jew issekwestraw persuna (Denise Pandolfi) kontra l-volonta' tagħha, b'dana illi dan id-delitt sar bħala mezz biex persuna (Denise Pandolfi) tiġi mġiegħla tagħmel xi</u>**

**<u>ħaġa jew toqgħod għal xi ħaġa li toffendi l-mistħija tas-sess tagħha, kif ukoll illi l-persuna arrestata, miżmuma jew issekwestrata (Denise Pandolfi) ġiet offiża fuq il-persuna jew imhedda bil-mewt.</u>**

Inoltre, lill-akkużat **Abdiraman Ahmed Abukar** waħdu jaddebitaħ ukoll bir-reċidiva wara li permezz ta' sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali fit-12 ta' Novembru 2012 fl-ismijiet: *Ir-Repubblika ta' Malta vs Muhammed Ali Hasan Et.*, liema sentenza hija *res judicata* u ma tistax tiġi mibdula, huwa kien instab ħati ta' diversi delitti ta' natura sesswali u ġie kkundannat piena ta' priġunerija għal perjodu ta' ħames (5) snin.

**<u>Il-piena mitluba</u>:**

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmija akkużati **Abdiraman Ahmed Abukar** u **Omissis** u:

1. Fil-każ ta' l-akkużat **Abdiraman Ahmed Abukar** illi jiġi kkundannat għall-**<u>piena ta' priġunerija minn tliet (3) snin sa disa' (9) snin</u>**, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 23, 31, 49, 50, 86, 87(1)(ċ)(ġ), 383, 384, 385, 412Ċ, 532A u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat; u

2. Fil-każ ta' l-akkużat **Omissis** illi jiġi kkundannat għall-**<u>piena ta' priġunerija minn minn sitta w għoxrin (26) xahar sa sitt (6) snin</u>**, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 23, 31, 86, 87(1)(ċ)(ġ), 383, 384, 385, 412Ċ, 532A u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

**<u>I-Tielet (3) Kap.:</u>** *Fil-Konfront taz-Zewg Akkuzati Abdiraman Ahmed Abukar u Omissis*

***Vjolenza fil-konfront ta' Denise Pandolfi***

**<u>Il-fatti</u> :**

ILLI fil-kuntest taċ-ċirkostanzi u żmien imsemmija fl-ewwel żewġ (2) kapi ta' dan l-Att ta'Akkuża, u ċioe' fil-Ħamsa w Għoxrin (25) ta' Marzu tas-sena Elfejn u Tlettax (2013) għall-ħabta tas-sagħtejn ta' filgħodu (02:00hrs), waqt li Denise Pandolfi, tfajla Taljana ta' wieħed u għoxrin (21) sena, kienet miexja ġewwa l-Floriana, Malta, għall-affari tagħha hija ġiet maħtufa mill-akkużat **Abdiraman Ahmed Abukar**, li daħħalha bil-forza u kontra l-volonta' tagħha ġewwa vettura ta' l-għamla *Kia Mentor* ta' lewn *silver* fil-griż, bin-numru ta' reġistrazzjoni EBS-327, liema vettura kienet qed tiġi misjuqa mill-akkużat **Omissis**;

ILLI filwaqt li l-akkużat **Omissis** beda jsuq lejn Birżebbugia, l-akkużat l-ieħor **Abdiraman Ahmed Abukar** beda jżomm lil Denise Pandolfi u jmissha b'mod sesswali kontra l-volonta' tagħha. Denise Pandolfi ppruvat tiftaħ il-bieba u taħrab mill-karozza, madanakollu l-akkużat **Abdiraman Ahmed Abukar** ħatafha minn għonqha bil-forza, żammha, u heddidha bil-mewt. Huwa baqa' jagħfsilha għonqha sakemm kważi fgaha;

ILLI kif intqal fil-kapi preċedenti ta' dan l-Att ta' Akkuża, malli waslu fl-inħawi ta' Ħal Far , f'żona diżabitata, l-akkużati **Abdiraman Ahmed Abukar** u **Omissis** neżżgħu lil Denise Pandolfi u stuprawha ripetutament. L-akkużat **Abdiraman Ahmed Abukar** ipprova wkoll iġegħlha tagħmel sess orali fuqu waqt li beda jżommha minn għonqha. L-akkużati **Abdiraman Ahmed Abukar** u **Omissis** użaw il-vjolenza biex iġegħlu lill-imsejkna Denise Pandolfi toqgħod, kontra l-volonta' tagħha, għall-atti moqżieża u kriminużi tagħhom li joffendu l-mistħija tas-sess tagħha, tant li kkaġunawla diversi ġrieħi fosthom f'għonqha, f'daharha, u f'riġlejha. Kien biss wara li l-akkużati **Abdiraman Ahmed Abukar** u **Omissis** waslu fil-ħsieb tagħhom u 'nqdew' sesswalment li ħallew lil Denise Pandolfi toħroġ mill-karozza;

ILLI permezz ta' sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali fit-12 ta' Novembru 2012 fl-ismijiet: *Ir-Repubblika ta' Malta vs Muhammed Ali Hasan Et.*, liema sentenza hija *res*

*judicata* u kwindi ma tistax tiġi mibdula, l-akkużat **Abdiraman Ahmed Abukar** kien instab ħati ta' diversi delitti ta' natura sesswali u ġie kkundannat piena ta' priġunerija għal perjodu ta' ħames (5) snin. Għaldaqstant l-akkużat **Abdiraman Ahmed Abukar** huwa wkoll reċidiv għall-fini u effetti kollha tal-liġi.

**<u>Il-konsegwenzi</u>:**

ILLI għalhekk, b'għemilhom, l-akkużati **Abdiraman Ahmed Abukar** u **Omissis** saru ħatja talli fil-Ħamsa u Għoxrin (25) ta' Marzu tas-sena Elfejn u Tlettax (2013), f'xi ħin bejn is-sagħtejn (02:00hrs) u l-erbgħa (04:00hrs) ta' filgħodu, ġewwa dawn il-gżejjer, **<u>użaw vjolenza sabiex iġegħlu lil xi ħadd (Denise Pandolfi) tagħmel, tħalli jsir, jew tonqos milli tagħmel xi ħaġa, b'dana illi l-akkużati waslu fil-ħsieb tagħhom.</u>**

ILLI *di piu'*, permezz ta' sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali fit-12 ta' Novembru 2012 fl-ismijiet: *Ir-Repubblika ta' Malta vs Muhammed Ali Hasan Et.*, liema sentenza hija *res judicata* u kwindi ma tistax tiġi mibdula, l-akkużat **Abdiraman Ahmed Abukar** kien instab ħati ta' diversi delitti ta' natura sesswali u ġie kkundannat piena ta' priġunerija għal perjodu ta' ħames (5) snin. Għaldaqstant l-akkużat **Abdiraman Ahmed Abukar** huwa wkoll reċidiv għall-fini u effetti kollha tal-liġi.

**<u>L-akkuża</u>:**

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuża, jakkuża lill-imsemmi **Abdiraman Ahmed Abukar**, reċidiv f'delitt, u lill-imsemmi **Omissis,** ħatja talli fil-Ħamsa u Għoxrin (25) ta' Marzu tas-sena Elfejn u Tlettax (2013), f'xi ħin bejn is-sagħtejn (02:00hrs) u l-erbgħa (04:00hrs) ta' filgħodu, ġewwa dawn il-gżejjer, **<u>użaw vjolenza sabiex iġegħlu lil xi ħadd (Denise Pandolfi) tagħmel, tħalli jsir, jew tonqos milli tagħmel xi ħaġa, b'dana illi l-akkużati waslu fil-ħsieb tagħhom.</u>**

Inoltre, lill-akkużat **Abdiraman Ahmed Abukar** waħdu jaddebitaħ ukoll bir-reċidiva wara li permezz ta' sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali fit-12 ta' Novembru 2012 fl-ismijiet: *Ir-Repubblika ta' Malta vs Muhammed Ali Hasan Et.*, liema sentenza hija *res judicata* u ma tistax tiġi mibdula, huwa kien instab ħati ta' diversi delitti ta' natura sesswali u ġie kkundannat piena ta' priġunerija għal perjodu ta' ħames (5) snin.

**<u>Il-piena mitluba</u>:**

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmija akkużati **Abdiraman Ahmed Abukar** u **Omissis** u:

1. Fil-każ ta' l-akkużat **Abdiraman Ahmed Abukar** illi jiġi kkundannat għall-**<u>piena ta' priġunerija minn disa' (9) xhur sa erba' (4) snin</u>**, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 31, 49, 50, 251(1)(2), 250(2), 383, 384, 385, 412Ċ, 532A u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat; u

2. Fil-każ ta' l-akkużat **Omissis** illi jiġi kkundannat għall-**<u>piena ta' priġunerija minn seba' (7) xhur sa tliet (3) snin</u>**, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 31, 251(1)(2), 250(2), 383, 384, 385, 412Ċ, 532A u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

**<u>Ir-Raba' (4) Kap:</u>** *fil-konfront taz-zewg akkużati Abdiraman Ahmed Abukar u Omissis*

***Serq ta' telefon ċellulari***

**<u>Il-fatti</u>:**

ILLI fil-kuntest taċ-ċirkostanzi u żmien imsemmija fl-ewwel tliet (3) kapi ta' dan l-Att ta'Akkuża, u ċioe' fil-Ħamsa w Għoxrin (25) ta' Marzu tas-sena Elfejn u Tlettax (2013)

għall-ħabta tas-sagħtejn ta' filgħodu (02:00hrs), Denise Pandolfi, tfajla Taljana ta' wieħed u għoxrin (21) sena, ġiet maħtufa minn ġewwa l-Floriana, Malta, mill-akkużati **Abdiraman Ahmed Abukar** u **Omissis** sabiex dawn jistuprawha, kif fil-fatt għamlu;

ILLI ftit wara li l-akkużat **Abdiraman Ahmed Abukar** daħħal lil Denise Pandolfi bil-forza fil-vettura ta' l-għamla *Kia Mentor* ta' lewn *silver* fil-griż, bin-numru ta' reġistrazzjoni EBS-327, huwa ħadilha t-telefon ċellulari tal-marka HTC ta' lewn roża b'*cover* abjad, li permezz tiegħu hija ppruvat iċċempel lil huha Ludovico. L-akkużat **Abdiraman Ahmed Abukar** għadda dan it-telefon ċellulari lill-akkużat l-ieħor **Omissis**. X'ħin waslu ġewwa Ħal Far, l-akkużat **Omissis** qal ukoll lill-akkużat **Abdiraman Ahmed Abukar** biex jisirqu kwalsiasi ħaġa ta' valur minn fuq il-persuna ta' Pandolfi, pero' salv it-telefon ċellulari li kienu diġa' ħadulha, Denise ma kellha xejn aktar ta' valur;

ILLI wara li stupraw lil Pandolfi ripetutament, l-akkużati **Abdiraman Ahmed Abukar** u **Omissis** tawha lura ħwejjiġha u l-*handbag* u ħallewha toħroġ mill-karozza, pero' t-telefon ċellulari ma tawhuliex lura;

ILLI sussegwentement l-akkużat **Omissis** biegħ dan it-telefon ċelluari tal-marka HTC ta' lewn roża b'*cover* abjad, lil ċertu Omar Hasan Ahmed, għall-prezz ta' mitt Ewro (€100).

**<u>Il-konsegwenzi</u>:**

ILLI għalhekk, b'għemilhom, l-akkużati **Abdiraman Ahmed Abukar** u **Omissis** saru ħatja talli fil-Ħamsa u Għoxrin (25) ta' Marzu tas-sena Elfejn u Tlettax (2013), f'xi ħin bejn is-sagħtejn (02:00hrs) u l-erbgħa (04:00hrs) ta' filgħodu, ġewwa dawn il-gżejjer, **<u>ikkommettew serq ta' telefon ċellulari tal-marka HTC għad-dannu ta' Denise Pandolfi, liema serq huwa ikkwalifikat bil-vjolenza (*stante* li Denise Pandolfi ġiet offiża fuq il-persuna, issekwestrata, jew mheddha), u bil-ħin (*stante* li s-serq sar bil-lejl, jiġifieri bejn inżul u tlugħ ix-xemx).</u>**

ILLI *di piu'*, permezz ta' sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali fit-12 ta' Novembru 2012 fl-ismijiet: *Ir-Repubblika ta' Malta vs Muhammed Ali Hasan Et.*, liema sentenza hija *res judicata* u kwindi ma tistax tiġi mibdula, l-akkużat **Abdiraman Ahmed Abukar** kien instab ħati ta' diversi delitti ta' natura sesswali u ġie kkundannat piena ta' priġunerija għal perjodu ta' ħames (5) snin. Għaldaqstant l-akkużat **Abdiraman Ahmed Abukar** huwa wkoll reċidiv għall-fini u effetti kollha tal-liġi.

**L-akkuża:**

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuża, jakkuża lill-imsemmi **Abdiraman Ahmed Abukar**, reċidiv f'delitt, u lill-imsemmi **Omissis,** ħatja talli fil-Ħamsa u Għoxrin (25) ta' Marzu tas-sena Elfejn u Tlettax (2013), f'xi ħin bejn is-sagħtejn (02:00hrs) u l-erbgħa (04:00hrs) ta' filgħodu, ġewwa dawn il-gżejjer, **ikkommettew serq ta' telefon ċellulari tal-marka HTC għad-dannu ta' Denise Pandolfi, liema serq huwa ikkwalifikat bil-vjolenza (*stante* li Denise Pandolfi ġiet offiża fuq il-persuna, issekwestrata, jew mheddha), u bil-ħin (*stante* li s-serq sar bil-lejl, jiġifieri bejn inżul u tlugħ ix-xemx).**

Inoltre, lill-akkużat **Abdiraman Ahmed Abukar** waħdu jaddebitaħ ukoll bir-reċidiva wara li permezz ta' sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali fit-12 ta' Novembru 2012 fl-ismijiet: *Ir-Repubblika ta' Malta vs Muhammed Ali Hasan Et.*, liema sentenza hija *res judicata* u ma tistax tiġi mibdula, huwa kien instab ħati ta' diversi delitti ta' natura sesswali u ġie kkundannat piena ta' priġunerija għal perjodu ta' ħames (5) snin.

**Il-piena mitluba:**

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmija akkużati **Abdiraman Ahmed Abukar** u **Omissis** u:

1. Fil-każ ta' l-akkużat **Abdiraman Ahmed Abukar** illi jiġi kkundannat għall-**piena ta' priġunerija minn tliet (3) snin sa ħames (5) snin**, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 20, 31, 49, 50, 261(a)(f), 262(1)(a), 270, 274(ċ)(d), 275, 277(a) , 532A u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat; u

2. Fil-każ ta' l-akkużat **Omissis** illi jiġi kkundannat għall-**piena ta' priġunerija minn sentejn (2) sa erba' (4) snin**, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 20, 31, 261(a)(f), 262(1)(a), 270, 274(ċ)(d), 275, 277(a), 532A u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Rat l-atti kollha inkluz dawk tal-kumpilazzjoni;

Rat illi fis-seduta tat-30 ta' Mejju 2024, Dr Simon Micallef Stafrace ghall-akkuzat li huwa *bed-ridden* u ghalhekk ezentat milli jidher il-Qorti, ddikjara li l-patrocinat tieghu qed jirregistra ammisjoni.

Il-Qorti semghet lil **Dr Christopher Cremona** jixhed bhala tabib tal-habs u jikkonferma li l-akkuzat jinsab *bed-ridden* minhabba rizultat ta' tir li hu kien qala' waqt li kien ghadu jghix is-Somalia. Qal ukoll illi huwa ghandu *catheter* u m'ghandux moviment fil-gogi tieghu u ghalhekk ikun jehtieg illi wara li jiskonta s-sentenza tieghu, l-akkuzat jintbaghat f'dar residenzjali jew sptar ta' rijabilitazzjoni ghaliex hu ghandu bzonn ta' kura erba' u ghoxrin (24) siegha kuljum.

Semghet ukoll lil **Justin Ellul** jixhed in rapprezentanza tal-Facilita' Korretiva ta' Kordin jghid li jekk din il-Qorti tabbraccja l-piena proposta fir-rikors kongunt tal-partijiet, l-akkuzat ser ikun qed jiskonta s-sentenza tieghu f' Gunju, 2024.

Rat ir-rikors kongunt tal-Avukat Generali u tal-akkuzat Abukar Abdiraman Ahmed, prezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar is-27 ta' Mejju, 2024 fit-termini tal-artikolu 453A(1) tal-Kodici Kriminali fejn talbu lil din il-Qorti sabiex issib lill-akkuzat hati tar-reati kollha kif addebitati fil-konfront tieghu u timponi piena ta' prigunerija effettiva ta' **disa' snin u ghaxar xhur** u dan oltre kwalsiasi sanzjoni u'jew konsegwenza ohra konsegwenzjali ghad-dikjarazzjoni u sejbien ta' htija ai termini tal-Kapitoli 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghalhekk, in vista tal-ammissjoni registrata quddiem din il-Qorti kif konfermata minnu stess nhar l-24 ta' Gunju, 2024 u dan anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra l-ammisjoni tieghu. tiddikjara lil Abukar Abdiraman Ahmed hati taht il-Kapijiet tal-Att t' Akkuza kollha migjuba kontra tieghu u cioe' talli:

1. Fil-Ħamsa u Għoxrin (25) ta' Marzu tas-sena Elfejn u Tlettax (2013), f'xi hin bejn is-sagħtejn (02:00hrs) u l-erbgha (04:00hrs) ta' filgħodu, gewwa dawn il-gżejjer, preċiżament fl-inhawi ta' Ħal Far Malta, bil-vjolenza, ikkommetta stupru fuq il-persuna tas-sess il-wiehed jew l-ieħor (Denise Pandolfi), b'dana illi dan l-istupru huwa wieħed aggravat stante li l- akkużat għenu lil haddiehor fl-esekuzzjoni tad-delitt, li Denise Pandolfi giet offiża fuq il-persuna waqt l-esekuzzjoni tad-delitt;

2. Fil-Ħamsa u Għoxrin (25) ta' Marzu tas-sena Elfejn u Tlettax (2013), f'xi hin bejn is-sagħtejn (02:00hrs) u l-erbgħa (04:00hrs) ta' filgħodu, gewwa dawn il-gżejjer, bla ordni skont il-liġi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, żamm, jew issekwestra persuna (Denise Pandolfi) kontra l-volonta' tagħha, b'dana illi dan id-delitt sar bhala mezz biex persuna (Denise Pandolfi) tiġi mġieghla tagħmel xi ħaġa jew toqgħod għal xi haġa li toffendi l-misthija tas-sess tagħha, kif ukoll illi l-persuna arrestata, miżmuma jew issekwestrata (Denise Pandolfi) ġiet offiża fuq il-persuna jew imhedda bil-mewt;

3. Fil-Ħamsa u Ghoxrin (25) ta' Marzu tas-sena Elfejn u Tlettax (2013), f'xi hin bejn is-saghtejn (02:00hrs) u l-erbgha (04:00hrs) ta' filgħodu, ġewwa dawn il-gżejjer, uża

vjolenza sabiex iġeghel lil xi ħadd (Denise Pandolfi) tagħmel, thalli jsir, jew tonqos milli tagħmel xi ħaġa, b'dana illi l-akkużat wasal fil-ħsieb tagħhom.

4. Fil-Ħamsa u Għoxrin (25) ta' Marzu tas-sena Elfejn u Tlettax (2013), f'xi hin bejn is-sagħtejn (02:00hrs) u l-erbgħa (04:00hrs) ta' filgħodu, gewwa dawn il-gżejjer, ikkommetta serq ta' telefon cellulari tal-marka HTC ghad-dannu ta' Denise Pandolfi, liema serq huwa ikkwalifikat bil- vjolenza (stante li Denise Pandolfi ġiet offiża fuq il-persuna, issekwestrata, jew mheddha), u bil-hin (stante li s-serq sar bil-lejl, jiġifieri bejn inżul u tlugh ix-xemx).

Rat il-fedina penali tal-akkuzat fejn wiehed jista' jinnotta illi fl-2012 kien gie moghti sentenza ta' hames snin prigunerija effetivi u dan ghal reati fost ohrajn ta' sekwestru fuq il-persuna u anke komplici f'attentat vjolenti ta' pudur ta' persuna. Il-fedina hija mmarkata bhala Dok CMP29 a fol 465 tal-process.

Hadet in konsiderazzjoni l-gurisprudenza tal-Qrati taghna dwar il-piena f'cirkostanzi fejn tkun registrata ammissjoni, fosthom **Ir-Repubblika ta' Malta kontra Nicholas Azzopardi** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-24 ta' Frar, 1997, **Il-Pulizija kontra Emanuel Testa** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-17 ta' Lulju, 2002**, Ir-Repubblika ta' Malta kontra Mario Camilleri** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Lulju, 2002 fejn kienu diskussi regoli generali li ghandhom iservu ta' gwida lill-Qorti fil-kominazzjoni tal-piena f'kaz ta' ammissjoni bikrija fejn, fis-sentenza appena citata ta' Emanuel Testa saret referenza ghal dak citat fis-sentenza kontra Nicholas Azzopardi senjatament meta il-Qori kkwotat b'mod estensiv Il-Blackstone's Criminal Practice (Blackstone Press Limited – 2001 edit.) ghaliex ddikjarat li taqbel mal-principji hemm enuncjati u taghmel dawk il-principji bhala taghha:

> *"Although this principle [that the length of a prison sentence is normally reduced in the light of a plea of guilty] is very well established, the extent of the appropriate "discount" has never been fixed. In Buffery [1992] 14 Cr. App. R (S) 511) Lord Taylor CJ*

*indicated that "something in the order of onethird would very often be an appropriate discount", but much depends on the facts of the case and the timeliness of the plea. In determining the extent of the discount the court may have regard to the strength of the case against the offender. An offender who voluntarily surrenders himself to the police and admits a crime which could not otherwise be proved may be entitled to more than the usual discount. (Hoult (1990) 12 Cr. App. R. (S) 180; Claydon (1993) 15 Cr. App. R (S) 526) and so may an offender who, as well as pleading guilty himself, has given evidence against a co-accused (Wood [1997] 1 Cr. App. R. (S) 347) and/or given significant help to the authorities (Guy [1992] 2 Cr. App. R. (S) 24). Where an offender has been caught red handed and a guilty plea is inevitable, any discount my be reduced or lost (Morris [1998] 10 Cr. App. R. (S) 216; Landy [1995] 16 Cr. App. R. (S) 908). Occasionally the discount may be refused or reduced for other reasons, such as where the accused has delayed his plea in an attempt to secure a tactical advantage (Hollington [1985] 85 Cr. App. R. 281; Okee [1998] 2 Cr. App. R. (S) 199.) Similarily, some or all of the discount may be lost where the offender pleads guilty by adducing a version of the facts at odds with that put forward by the prosecution, requiring the court to conduct an inquiry into the facts (Williams [1990] 12 Cr. App. R. (S) 415.) The leading case in this area is Costen [1989] 11 Cr. App. R. (S) 182, where the Court of Appeal confirmed that the discount may be lost in any of the following circumstances: (i) where the protection of the public made it necessary that a long sentence, possibly the maximum sentence, be passed, (ii) cases of 'tactical plea', where the offender delayed his plea until the final moment in a case where he could not hope to put up much of a defence, and (iii) where the offender has been caught red-handed and a plea of guilty was practically certain...."*

Fil-kaz odjern, l-akkuzat rregistra ammissjoni quddiem din il-Qorti qabel ma gie appuntat il-guri izda wara li kienet ifformulata l-att ta' akkuza.

Wara li ezaminat dak enuncjat mis-sentenzi appena citati, din il-Qorti hi tal-fehma li fic-cirkostanzi ghandha taderixxi mat-talba maghmula mill-Avukat Generali u l-akkuzat, Abukar Abdiraman Ahmed fir-rikors kongunt taghhom tas-27 ta' Mejju, 2024.

Rat l-artikoli 17, 20, 23, 31, 49, 50, 86, 87(1)(c)(g), 198, 202(d)(f)(n), 250(2), 251(1)(2), 261(a)(f), 262(1)(a), 270, 274(c)(d), 275, 277(a), 383, 384, 385, 412C, 532A, 533 tal-Kodici Kriminali, u tiddikjara li qed issib lill-akkuzat **Abukar Abdiraman Ahmed** hati tal-ewwel erba' (4) Kapi tal-Att t' Akkuza fuq ammisjoni tieghu stess u tikkundannah **disa' (9) snin u ghaxar (10) xhur prigunerija effettiva.**

Tikkundanna wkoll lill-istess **Abukar Abdiraman Ahmed** ihallas l-ispejjez tal-perizji inkorsi f'dan il-process u dan ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9.

Dawn l-ispejjez jikkonsistu fis-segwenti:

1. Is-somma ta' €525.00 li gew imhallsa lil Dr Michela Spiteri skond Dok CMP 1 a fol. 27 et seq tal-process;
2. Is-somma ta' €6,175.24 li gew imhallsa lil Dr Marisa Cassar skond Dok CMP 2 a fol 61 et seq tal-process;
3. Is-somma ta' €571.79 li gew imhallsa lil PC 910 Sean Pace bhala Scene of Crime Officer skond Dok SP1 a fol 191 et seq tal-process;
4. Is-somma ta'€347.49 li gew imhallsa lil Dr Mario Scerri skond Dok CMP 8 a fol. 309 et seq tal-process;
5. Is-somma ta' €376.42 li gew imhallsa lil espert tekniku Joseph Zammit skond Dok CMP 9 a fol. 334 et seq tal-atti;
6. Is-somma ta' €93.66 li gew imhallsa lil PC 637 Kevin Manicolo bhala Scene of Crime Officer skond Dok CMP 10 a fol. 369 et seq tal-atti;
7. Is-somma ta' €111.69 li gew imhallsa lil PS 186 Kristian Mintoff bhala Scene of Crime Officer skond Dok CMP 11 a fol. 413 et seq tal-process;

8. Is-somma ta' €172.83 li gew imhallsa lil Dr Maria Karlsson skond Dok CMP 33 a fol. 625 et seq tal-process;
9. Is-somma ta' €343.58 li gew imhallsa lil Dr Martin Bajada skond Dok CMP 35 a fol. 708 et seq tal-process;
10. Is-somma ta' €84.35 li gew imhallsa lil PS 36 Sergio Azzopardi bhala Scene of Crime Officer skond Dok CMP 36 a fol. 728 et seq tal-process;
11. Is-somma ta' €1103.12 li gew imhallsa lil espert Joseph Mallia skond ir-rapport minnu esebit a fol. 870 tal-atti;
12. Is-somma ta' €517.78 li gew imhallsa lil espert Dr Martin Bajada skond ir-rapport Dok MB1 a fol 950 et seq tal-process;
13. Is-somma ta' €583.27 li gew imhallsa lil Dr Robert Musumeci skond Dok RM a fol 971 et seq tal-process;
14. Is-somma ta' €300 li gew imhallsa lill-Professur Anthony Galea Debono skond Dok AGD a fol 988 et seq tal-process;

B'kollox din il-Qorti qed tikundanna lil akkuzat ihallas is-somma ta'**€11,306.22** inkorsi f'dan il-process ai termini tal-Artikoli 533 tal-Kap. 9, liema ammont ikun konvertit minnufih fi prigunerija skond il-ligi f'kaz illi l-hati jonqos milli jhallas l-istess fi zmien sittin (60) jum mill-lum.

Il-Qorti mhux se tordna l-hlas tal-ispejjez imhallsa lil PS 70 Omar Caruana a fol 738 et seq tal-process, kif ukoll kwalunkwe hlas li sar matul is-snin lill-interpreti u dan peress li mill-atti ma jirrizultax kemm dawn thallsu.

Tordna li z-zmien li l-akkuzat ghamel taht arrest preventiv jigi mnaqqas mill-perjodu ta' prigunerija impost b'din is-sentenza.

Tordna li ai termini tal-Artikolu 6 (2) tal-Kap 518 tal-ligijiet ta' Malta li din is-sentenza tkun notifikata minnufih lir-Registratur, Qrati Civili u Tribunali.

Il-Qorti tordna kopja ta'din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Court Services Agency sabiex tiehu hsieb tigbor l-ispejjez u l-multa li l-akkuzat gie kkundannat ihallas permezz ta' din is-sentenza.

**Consuelo Scerri Herrera**
**Imhallef**

**Maria Grech**
**Deputat Registratur**